IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2020
COM(2020) 226 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Sommarju tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali kofinanzjati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn fl-2018

Sommarju tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-programmi operazzjonali kofinanzjati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn fl-2018

1. INTRODUZZJONI

Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) jindirizza l-agħar forom ta' faqar fl-UE, bħat-tiċħid mill-ikel, il-faqar fost it-tfal u l-kundizzjoni tal-persuni mingħajr dar. Total ta' EUR 3.8 biljun (prezzijiet kurrenti) huwa disponibbli mill-fond FAED[1] għall-2014-2020. L-UE tipprovdi sa 85 % tal-finanzjament, li huwa kkomplementat mir-riżorsi proprji tal-Istati Membri. Dan iġib il-valur totali tal-fond għal madwar EUR 4.5 biljun.

L-Istati Membri jistgħu jużaw il-fond b'żewġ modi: (i) għal programm operazzjonali għall-għajnuna alimentari u/jew għajnuna materjali bażika (PO I); u/jew (ii) għal programm operazzjonali għall-inklużjoni soċjali (PO II). L-għajnuna alimentari u/jew materjali bażika għandha tkun ikkomplementata minn miżuri ta' akkumpanjament, bħal riferiment għal servizzi soċjali.

Skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ir-Regolament (UE) Nru 223/2014), dan is-sommarju huwa bbażat fuq l-informazzjoni fir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2018, kif aċċettati mill-Kummissjoni[2]. Is-27 Stat Membru kollha ppreżentaw rapport ta' implimentazzjoni. Ir-Renju Unit ma ppreżentax rapport peress li s'issa għadu ma implimentax l-FEAD. Bħal fis-snin preċedenti, dan ir-rapport sommarju, fejn disponibbli, jinkludi żviluppi u informazzjoni finanzjarja lil hinn mill-2018, b'mod partikolari dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 li jmiss u l-inizjattivi tal-Kummissjoni 2019-2024.

2. ŻVILUPPI RIĊENTI TAL-UE

Il-QFP 2021-2027 u l-inizjattivi tal-Kummissjoni għall-2019-2024 biex jiġi indirizzat il-faqar

Il-proporzjon ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas għas-sitt sena konsekuttiva, u niżel għal 21.9 % fl-2018. Il-proporzjon li qed jiffaċċja privazzjoni materjali estrema naqas minn 6.6 % fl-2017 għal 5.9 % fl-2018. F'termini ta' popolazzjoni, dan jirrappreżenta 29.7 miljun persuna. Madankollu, mill-inqas 110 miljun persuna jibqgħu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. L-UE ma laħqitx il-mira tagħha għall-2020 li tnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun persuna, u sal-lum naqqset biss l-għadd b'7 miljuni. It-tfal – b'mod partikolari dawk b'ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet – u l-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw riskju sostanzjalment ogħla ta' faqar. It-tendenza dejjem tikber ta' esklużjoni mid-dritt ta' dar u tal-fenomenu tal-persuni mingħajr dar ma nbidlitx minħabba l-pressjonijiet kontinwi tas-suq tal-akkomodazzjoni. Għalhekk, l-appoġġ tal-FEAD huwa kruċjali għall-gruppi l-aktar żvantaġġati tas-soċjetà.

Għall-QFP 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet li l-FEAD jingħaqad mal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Il-proposta tal-FSE+ għandha l-għan li ttejjeb l-inklużjoni soċjali billi żżid is-sehem tal-allokazzjonijiet nazzjonali tal-FSE+ (għal mill-inqas 25 % meta

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1). Ir-Regolament ġie emendat f'Awwissu 2018, permezz ta' reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1537946431022&uri=CELEX:02014R0223-20180802

[2] Id-dewmien fir-rapportar globali aggregat kien minħabba li r-rapporti ta' implimentazzjoni ġew ippreżentati mill-Istati Membri f'nofs l-2019 u mbagħad għaddew minn proċedura ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni.

mqabbel ma' 20 % fl-FSE attwali), u li tindirizza l-privazzjoni materjali billi tistabbilixxi mira fil-livell tal-UE ta' 4 % u allokazzjoni minima ta' 2 % għal kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tqis li dan se jippermetti li l-finanzjament għall-privazzjoni materjali jibqa' stabbli meta mqabbel mal-QFP attwali. Bħalissa l-proposta tinsab f'livell avvanzat ta' negozjar mal-koleġiżlaturi. F'April 2019, il-Kunsill qabel dwar mandat ta' negozjar parzjali għat-trilogi. Fl-istess xahar, il-Parlament Ewropew adotta rapport b'emendi, ikkonfermat b'votazzjoni tal-PE l-ġdid. Sadanittant, bdew it-trilogi tal-FSE+.

Il-Kummissjoni qiegħda tħejji wkoll inizjattiva ta' politika dwar "garanzija għat-tfal". Skont il-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli ta' kwalità tajba u għal protezzjoni mill-faqar. Dan il-prinċipju jiddikjara wkoll li t-tfal li ġejjin minn sfondi żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi li jżidu l-opportunitajiet indaqs. Għalhekk, l-inizjattiva hija riżultat konkret tal-pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Pilastru.

B'rispons għall-pandemija tal-Coronavirus, tħejjew u ġew adottati żewġ Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus. It-tieni Inizjattiva ddedikata ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII+)[3], adottata f'April 2020, tipprevedi flessibbiltà straordinarja fl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Barra minn hekk, din tintroduċi miżuri speċifiċi biex tappoġġa lill-persuni l-aktar fil-bżonn billi tibdel ir-regoli għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u biex tippermetti lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-organizzazzjonijiet sħab u atturi oħra jirreaġixxu malajr għall-isfidi emerġenti. Pereżempju, se jkun possibbli li l-għajnuna alimentari u l-għajnuna materjali bażika jingħataw permezz ta' kupuni elettroniċi u jiġi pprovdut tagħmir ta' sikurezza personali, sabiex b'hekk ikun hemm inqas riskju ta' kontaminazzjoni. Se jkun possibbli li jiġu ffinanzjati 100 % tal-miżuri għas-sena kontabilistika 2020-2021.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) revedut fil-kuntest tal-irkupru mill-impatt tal-pandemija COVID-19. Skont din il-proposta, l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jinvestu mill-ġdid fil-FEAD ħalli jiżgura appoġġ kontinwu u msaħħaħ lil dawk l-aktar fil-bżonn.

3. KOORDINAZZJONI TAL-FEAD FIL-LIVELL TAL-UE

Il-grupp ta' esperti tal-FEAD jibqa' l-forum ewlieni għall-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-fond. Il-grupp ta' esperti ltaqa' darbtejn - fl-2018 u fl-2019 - biex jiddiskuti aspetti tal-implimentazzjoni tal-programm FEAD, b'mod partikolari miżuri ta' akkumpanjament, donazzjonijiet ta' ikel, awditi, u koordinazzjoni ma' fondi strutturali oħra. Il-Kummissjoni ppreżentat is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet kemm tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEAD kif ukoll tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-FEAD lill-Istati Membri. Hija tat ukoll aġġornamenti regolari dwar in-negozjati tal-FSE+, li jiffokaw fuq miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw il-privazzjoni materjali u l-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni ospitat 18-il laqgħa tan-netwerk tal-FEAD bejn l-2016 u tmiem l-2019. F'kull laqgħa, il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jippreżentaw studji tal-każijiet u jikkondividu sfidi u soluzzjonijiet dwar aspett speċifiku tal-implimentazzjoni tal-FEAD, pereżempju komunikazzjoni mmirata

[3] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_20_574

lejn il-persuni l-aktar fil-bżonn - bħat-tfal, il-persuni mingħajr dar u l-anzjani. Laqgħa tal-2019 iffokat fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-fond, filwaqt li enfasizzat l-isforzi sostanzjali li saru mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-organizzazzjonijiet sħab. F'konformità mar-Regolament, il-Kummissjoni ospitat ukoll laqgħat annwali fil-livell tal-UE fl-2018 u fl-2019, immexxija minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet sħab. Dawn iffokaw fuq it-tranżizzjoni lejn fażi ġdida ta' bini tal-kapaċitajiet. Fit-18-il xahar li ġejjin, l-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku se jissostitwixxu l-laqgħat tan-netwerk tal-FEAD. Dawn għandhom jgħinu lill-"Komunità tal-FEAD" tiddiskuti l-isfidi ta' implimentazzjoni li fadal u l-opportunitajiet tal-FSE+ li jmiss b'mod aktar effettiv.

4. IL-PROGRESS FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI OPERAZZJONALI

4.1.Implimentazzjoni finanzjarja

L-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi FEAD tħaffet fl-2018. In-nefqa pubblika totali eliġibbli impenjata li tappoġġa l-inizjattivi tal-FEAD żdiedet b'mod kostanti minn EUR 564.7 miljun fl-2016, għal EUR 637.1 miljun fl-2017, u għal EUR 762.2 miljun fl-2018. Fi tmiem l-2018, il-fondi kumulattivi impenjati (għall-2014-2018) ammontaw għal kważi EUR 2,732 miljun, jew 61 % tar-riżorsi totali tal-programmi (li jinkludu fondi tal-UE u kofinanzjament nazzjonali). Il-pagamenti lill-benefiċjarji żdiedu wkoll b'mod sinifikanti fl-2018 (EUR 497.9 miljun) meta mqabbla mas-snin preċedenti (EUR 409.9 miljun fl-2017 u EUR 436.0 miljun fl-2016). Ara t-Tabella I fl-Anness[4] għal analiżi finanzjarja dettaljata skont l-indikatur u skont l-Istat Membru.

L-applikazzjonijiet għall-pagamenti mressqa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fl-2018 ammontaw għal EUR 345.3 miljun f'nefqa pubblika eliġibbli. Dan kien tnaqqis meta mqabbel mas-snin preċedenti (EUR 478.2 miljun fl-2017 u EUR 353.4 miljun fl-2016), parzjalment minħabba l-flessibbiltà li l-Istati Membri għandhom meta jressqu t-talbiet tagħhom għal pagamenti. B'kollox, in-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni għall-2014-2018 ammontat għal EUR 1,223.3 miljun.

Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni kienet ħallset total ta' EUR 1.5 biljun f'pagamenti interim (EUR 955 miljun fi tmiem l-2018) – li jirrappreżenta aktar minn 38 % tal-allokazzjoni totali tal-2014-2020.

L-implimentazzjoni finanzjarja tal-FEAD ġeneralment tinsab fit-triq it-tajba u taqbel mal-progress tal-programm fil-prattika (ara t-taqsima li ġejja). L-indikaturi juru li l-implimentazzjoni ġeneralment tħaffet minkejja l-istaġnar fl-applikazzjonijiet aggregati għall-pagamenti. Barra minn hekk, sal-lum saru ftit wisq diżimpenji awtomatiċi (taħt il-programm tar-Renju Unit biss - li ma ġiex implimentat).

4.2 L-implimentazzjoni fil-prattika

Għajnuna tal-FEAD u l-profil tar-riċevituri finali

L-appoġġ tal-FEAD kompla fl-2018 f'26 Stat Membru, hekk kif kompla jibni fuq il-progress li sar fis-snin preċedenti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (22 minn 26) qassmu għajnuna alimentari u/jew materjali bażika u pprovdew miżuri ta' akkumpanjament (PO I –

[4] Diversi Stati Membri aġġornaw ċerti valuri tal-indikaturi tal-input komuni tal-FEAD għall-2015, l-2016 u l-2017. Għalhekk, il-valuri rrappurtati f'din it-taqsima jistgħu jvarjaw minn dawk ippubblikati fis-snin preċedenti.

ara t-Tabella 1), b'Ċipru (CY), l-Ungerija (HU) u l-Litwanja (LT) iqassmu l-għajnuna materjali bażika għall-ewwel darba fl-2018[5]. Erba' Stati Membri komplew imexxu programmi ta' inklużjoni soċjali (PO II – ara t-Tabella 1). Ir-Rumanija (RO) ma pprovdiet l-ebda għajnuna fl-2018 minħabba dewmien fit-tfassil mill-ġdid tal-programm operazzjonali tagħha wara bidliet istituzzjonali, li kienu aggravati minn problemi bl-akkwist pubbliku.

Table 1. Tip ta' għajnuna mogħtija fl-2018

PO	Tip ta' għajnuna	Stat Membru
PO I	Ikel	BE, BG, EE, ES, FI, FR, IT, MT, PL, PT, SI (11)
	Materjal bażiku	AT (1)
	It-tnejn li huma	CY, CZ, EL, HR, HU, IE, LT, LU, LV, SK (10)
PO II	Inklużjoni soċjali	DE, DK, NL, SE (4)

Sors: SFC2014

In 2018, an estimated 12.6 million people benefited from FEAD food assistance, 1 million received material assistance, and 39,000 benefited from social inclusion support. Kważi total ta' 13-il miljun persuna bbenefikaw minn appoġġ tal-FEAD, skont stima konservattiva bbażata fuq il-medja annwali rrappurtata fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEAD għall-2014-2017[6]. L-aktar żidiet sinifikanti biex jintlaħqu aktar persuni nstabu fl-Ungerija (HU) (185,000 aktar persuni mill-2017), fl-Irlanda (IE) (92,011 aktar), fil-Belġju (BE) (82,619 aktar) u fil-Portugall (PT) (41,276 aktar għalkemm in-numru għadu żgħir). Min-naħa l-oħra, 17-il Stat Membru laħqu inqas persuni, b'mod partikolari l-Kroazja (HR) (214,068 inqas persuni mill-2017), il-Bulgarija (BG)[7], Spanja (ES), Franza (FR) (għalkemm in-numru għadu kbir) u r-Repubblika Ċeka (CZ). Ir-Rumanija (RO) għadha qed tiffaċċja kwistjonijiet ta' implimentazzjoni (aktar dwar dan hawn taħt).

[5] L-Italja bdiet bit-tqassim tal-għajnuna materjali bażika fl-2018 taħt il-miżura 4 iżda ma daħħlet xejn fis-sistema ta' monitoraġġ

[6] Fil-Programmi operazzjonali fejn kemm l-għajnuna alimentari kif ukoll l-għajnuna materjali bażika jingħataw lill-istess persuni, id-duplikazzjoni apparenti mid-*data* tar-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tnaqqset għall-fini ta' rapportar ta' ċifri aggregati.

[7] Fir-rapport ta' implimentazzjoni tagħhom tal-2018, l-awtoritajiet tal-Bulgarija (BG) irrevedew l-indikaturi tal-output tagħhom għal din is-sena u għas-snin preċedenti. Għalhekk, il-valuri rrappurtati f'dan ir-rapport jistgħu jvarjaw minn dawk irrappurtati fis-snin preċedenti.

Figure 1. L-għadd ta' persuni li jirċievu għajnuna alimentari u/jew għajnuna materjali bażika





Figure 2. L-għadd totali ta' persuni li jirċievu appoġġ għall-inklużjoni soċjali



Sors: SFC2014

Il-profil ġenerali tar-riċevituri finali tal-appoġġ tal-FEAD baqa' ġeneralment l-istess. Bħal fis-snin preċedenti, l-akbar grupp - ta' ftit inqas minn nofs (48 %) ta' dawk kollha megħjuna - kienu nisa. It-tfal irċevew kważi 30 % tal-appoġġ disponibbli, segwiti mill-migranti, il-persuni bi sfond barrani jew il-minoranzi (10 %) u l-persuni mingħajr dar (7 %). Fl-2018, 8 % tar-riċevituri finali tal-FEAD kienu persuni ta' 65 sena jew aktar u 5 % kienu persuni b'diżabilità. Dawn iċ-ċifri huma stimi mill-organizzazzjonijiet sħab u għandhom jiġu ttrattati b'kawtela.

It-tfal jirrappreżentaw 29 % ta' dawk li rċevew għajnuna alimentari, materjali bażika jew ta' inklużjoni soċjali fl-2018. Dan is-sehem baqa' stabbli meta mqabbel mas-snin preċedenti. F'diversi Stati Membri, it-tfal irċevew l-akbar sehem ta' għajnuna alimentari - b'mod partikolari f'Ċipru (CY), fil-Kroazja (HR), f'Malta (MT), fl-Ungerija (HU) u fir-Repubblika Ċeka (CZ) – fejn kien ivarja bejn 44 % u 92 % tar-riċevituri finali totali. Bl-istess mod, Ċipru (CY), l-Irlanda (IE), l-Ungerija (HU) u l-Awstrija (AT) kellhom proporzjon għoli ta' tfal bħala riċevituri finali ta' għajnuna materjali bażika - li jvarja bejn 93 % u 100 %. Il-programmi f'dawn il-pajjiżi jinkludu appoġġ speċifiku għat-tfal. Tfal fi Stati Membri oħra (eż. BE, ES u FR) jirrappreżentaw proporzjon għoli ta' riċevituri ta' għajnuna alimentari, peress li l-programmi tagħhom jilħqu familji bit-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Box 1. Eżempji nazzjonali ta' kif jintlaħqu t-tfal

Ir-Repubblika Ċeka: CZ tipprovdi ikliet sussidjati lit-tfal żvantaġġati fl-iskejjel. Il-catering fl-iskejjel ta' kwalità għolja għat-tfal fl-età ta' qabel l-iskola u tal-iskola primarja huwa maħsub li se jħeġġeġ attendenza aħjar fl-iskola mill-istudenti. L-għadd ta' skejjel li qegħdin jipparteċipaw fi skemi bħal dawn qed jikber b'mod kostanti. Fir-rigward tal-għajnuna

materjali, il-prodotti mqassma fir-Repubblika Ċeka (CZ) jinkludu ħames tipi ta' formula tat-trabi u ta' ħalib tal-prosegwiment għal gruppi ta' etajiet differenti, u ikel tat-trabi.

Ċipru: It-tfal jirrappreżentaw proporzjon kbir ta' riċevituri finali kemm tal-ikel (92 %) kif ukoll tal-għajnuna materjali (100 %). It-tfal tal-iskola jirċievu ikliet bla ħlas li jitħejjew fil-kantins tal-iskejjel.

Il-Kroazja: Programm tal-iskola jipprovdi għajnuna lit-tfal li jgħixu fil-faqar jew li huma f'riskju ta' faqar. Dawn it-tfal jirċievu ikliet ipprovduti mill-iskejjel, kif ukoll basktijiet tal-iskola u materjal ieħor tal-iskola.

Malta: Fl-2018 tnediet skema (bħala miżura ta' akkumpanjament) biex jitqassam il-frott, il-ħaxix u l-ħalib lit-tfal tal-iskola, li tgħin fil-ħolqien ta' kultura ta' kwalità u ikel sostenibbli fost it-tfal. It-tfal minn familji vulnerabbli u bi dħul baxx ħafna jirċievu wkoll għajnuna għall-ħtiġijiet tagħhom relatati mal-iskola, bħax-xiri ta' uniformijiet, kartolerija, attivitajiet ekstrakurrikulari u ħtiġijiet bażiċi oħra.

L-Ungerija: It-tfal jirrappreżentaw proporzjon kbir ta' riċevituri finali. It-tfal ta' familji foqra jirċievu appoġġ fil-forma ta' pakketti tal-ikel u għajnuna materjali bażika.

L-Irlanda: It-tfal minn familji li jużaw il-banek alimentari jibbenefikaw ukoll minn dawn l-iskemi. Il-home-starter kits (li jinkludu kits għat-trabi) li jingħataw lill-familji refuġjati li jkunu qegħdin jiċċaqalqu fi djar ġodda huma wkoll ta' benefiċċju għat-tfal. Fl-2018, 40,000 tifel u tifla tal-iskola u 1,000 tifel u tifla ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jgħixu f'akkomodazzjoni pprovduta mill-Istat irċevew kits għall-iskejjel.

L-Awstrija: L-appoġġ fil-forma ta' basktijiet tal-iskola u materjali oħra tal-iskola huwa mmirat direttament lejn it-tfal tal-età tal-iskola li l-familji tagħhom jirċievu dħul minimu.

Spanja: Sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, u sabiex jitrawmu s-saħħa, it-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom, il-familji żvantaġġati jingħataw oġġetti tal-ikel speċifiċi (eż. vażetti tal-ikel tat-trabi, ċereali tat-trabi u ħalib tal-prosegwiment fi trab).

Madwar 10 % tar-riċevituri finali kienu migranti, persuni bi sfond barrani jew minoranzi. Madankollu, innota li l-informazzjoni dwar il-migranti li jirċievu appoġġ mhux dejjem tiġi rrappurtata għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-*data* (EL, FR u SK). Fost dawn il-gruppi, l-aktar immirati (imsemmija f'45 % tal-PO li għandhom fil-mira l-migranti) kienu r-refuġjati u l-persuni li qed ifittxu l-ażil.


Madwar 7 % tar-riċevituri finali tal-FEAD kienu persuni mingħajr dar, bi proporzjon ogħla fl-2018 meta mqabbel mal-2017. Madankollu, l-għadd ta' persuni mingħajr dar huwa partikolarment diffiċli biex jiġi stmat peress li dawn mhumiex irreġistrati u ta' spiss isibuha bi tqila ħafna biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni personali. Barra minn hekk, ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fil-persuni mingħajr dar hija li Franza (FR) irrappurtat ċifri għall-2018 filwaqt li ma għamlitx dan għas-sena preċedenti. Fir-Repubblika Ċeka (CZ), fi Franza (FR) u fl-Irlanda (IE), aktar minn 10 % tal-persuni mingħajr dar jirċievu għajnuna alimentari. Minbarra fi Spanja (ES), il-proporzjon ta' persuni mingħajr dar li jirċievu għajnuna naqas fl-2018 meta mqabbel mal-2017, b'mod partikolari fl-Italja (IT).

PO I - Għajnuna alimentari

L-għajnuna alimentari baqgħet ġeneralment stabbli meta mqabbla mas-sena preċedenti. Il-biċċa l-kbira tal-21 Stat Membru li qegħdin jipparteċipaw fil-programm jew żiedu l-kwantità ta' ikel ipprovdut jew żammew l-istess kwantità. B'mod ġenerali, fl-2018 ġie pprovdut ftit inqas ikel milli fl-2017, minħabba li l-provvista tal-ikliet jew tal-pakketti tal-ikel

naqset f'xi wħud mill-Istati Membri l-kbar. Ħames Stati Membri (ES, FR, PL, IT u BG) kienu responsabbli għal 82 % tal-ammont totali ta' ikel ipprovdut fl-2018. Tliet Stati Membri żiedu l-kwantità ta' ikel ipprovdut b'mod sinifikanti (PT, HU u IE). Għaxar Stati Membri pprovdew inqas ikel milli fl-2017 - fil-każ tal-Belġju (BE), l-Estonja (EE), il-Kroazja (HR), l-Italja (IT) u s-Slovenja (SI), dan kien ferm inqas.

Illustrazzjoni 3: Għajnuna alimentari pprovduta fl-2014-2018 (eluf ta' tunnellati)



Sors: SFC2014

Aktar minn nofs (55 %) tal-għajnuna alimentari kienet tikkonsisti fi prodotti tal-ħalib u dqiq, ħobż, patata u prodotti oħra tal-lamtu. Il-proporzjon tal-prodotti tal-ħalib kien partikolarment għoli fil-Belġju (BE) u fi Franza (FR), fil-Finlandja (FI), fl-Italja (IT), fil-Latvja (LV) u fis-Slovakkja (SK), il-proporzjon ta' dqiq, ħobż, patata u prodotti oħra tal-lamtu kien għoli. L-ammont ta' frott u ħaxix imqassam żdied b'mod kostanti minn 9 % fl-2014 għal 17 % fl-2018[8]. Il-kwantità ta' xaħmijiet u żjut kienet varjata u bħala medja hija ta' 6 %. Il-proporzjon ta' ikel ta' konvenjenza huwa pjuttost għoli fl-Ungerija (HU) u fl-Irlanda (IE) iżda mill-bqija huwa pjuttost baxx b'madwar 11 % fl-UE kollha. Fl-Irlanda (IE), l-ikel ta' konvenjenza huwa inkluż fil-kategoriji tal-ikel mitluba mill-organizzazzjonijiet sħab. Dan huwa minħabba d-domanda tal-klijenti, u għalhekk it-tnaqqis fil-ħela tal-ikel. L-ispiża tal-ikel imqassam għal kull persuna tvarja b'mod pjuttost sinifikanti bejn l-Istati Membri u minn sena għall-oħra. Dan huwa l-aktar minħabba l-ammont u t-tip ta' prodotti mqassma (eż. rata għolja ta' prodotti friski) kif ukoll l-intensità tal-appoġġ.

Il-21 Stat Membru kollha li jqassmu l-ikel - ħlief Ċipru (CY) - qassmuh fil-forma ta' pakketti tal-ikel standardizzati. Erbatax-il Stat Membru pprovdew ukoll ikliet: BE, BG, CY, CZ, EL, ES, FI, HR, HU, IE, IT, LV, PL u SK. Uħud ipprovdew ukoll ikliet lesti lit-tfal tal-iskola (CY, CZ, HR u IT) jew lil persuni mingħajr dar (FI, HU, IT, LV, PL u SK). Il-bank tal-ikel tal-Estonja (EE) ħadem mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u kkoopera mal-muniċipalitajiet biex ikun qrib kemm jista' jkun tad-djar tan-nies. Bis-saħħa tal-komunikazzjoni tajba bejn is-sħab, 95 % tal-pakketti kollha tal-għajnuna alimentari tqassmu matul il-perjodu fil-mira. Bħal fis-snin preċedenti, il-kunsinni tal-ikel minn organizzazzjonijiet sħab fil-Bulgarija (BG), f'Ċipru (CY), fl-Ungerija (HU) u fi Spanja (ES)

8 Dan huwa wkoll minħabba ż-żieda fit-tqassim tal-ikel fil-Portugall (PT), li għandu proporzjon għoli ta' frott u ħaxix.


kienu ffinanzjati għalkollox mill-FEAD, filwaqt li fl-Istati Membri l-oħra l-organizzazzjonijiet sħab ikkomplementaw l-għajnuna alimentari tal-FEAD b'ikel li ngħata jew li ġie ffinanzjat permezz ta' sorsi oħra.

PO I - Għajnuna materjali bażika

L-għadd ta' riċevituri ta' għajnuna materjali bażika żdied ukoll b'mod sinifikanti. Fl-2018, l-Istati Membri qassmu EUR 13.2-il miljun f'għajnuna materjali bażika, 29 % aktar mill-2017, li kienet diġà żdiedet b'25 % meta mqabbla mal-2016. Din iż-żieda sinifikanti kienet dovuta l-aktar għal tliet Stati Membri li qassmu għajnuna materjali bażika għall-ewwel darba fl-2018 - Ċipru (CY), l-Ungerija (HU) u l-Litwanja (LT). Tmien Stati Membri komplew iqassmu għajnuna materjali bażika bħal fis-sena preċedenti (AT, CZ, EL, HR, IE, LU, LV u SK). Il-biċċa l-kbira tal-oġġetti tqassmu fi tliet Stati Membri: l-Awstrija (AT), ir-Repubblika Ċeka (CZ) u l-Greċja (EL) (ara l-Illustrazzjoni 4). Il-persuni mingħajr dar kienu fil-mira fir-Repubblika Ċeka, (CZ), fil-Greċja (EL), fil-Kroazja (HR) u fis-Slovakkja (SK) u ngħataw prodotti tal-iġjene u provvisti oħra. Fil-Kroazja (HR) dawn irċevew ukoll tagħmir u ħwejjeġ tal-kċina, u fil-Greċja (EL) u fil-Kroazja (HR) irċevew basktijiet tal-irqad/kutri.

Il-provvisti għall-iskejjel u l-prodotti tal-kura personali għall-familji bit-tfal komplew ikunu l-oġġetti ewlenin ta' għajnuna materjali bażika. Fl-2018, l-oġġetti pprovduti lill-familji bit-tfal kienu jinkludu kartolerija u materjali tal-iskola (AT, EL, HR, IE u LV), basktijiet tal-iskola (AT, EL, HR u LV), pakketti għall-kura tat-trabi (HR, HU u IE), ħrieqi u *wipes* tat-trabi (EL), u tagħmir u ħwejjeġ sportivi (HR). Fil-Greċja (EL), fl-Irlanda (IE), fl-Ungerija (HU), fil-Lussemburgu (LU), fil-Latvja (LV) u fis-Slovakkja (SK), tqassmu wkoll oġġetti bħal deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, trab tal-ħasil (għall-bjankerija kkulurita), deterġenti għall-ħasil tal-platti, ħrieqi, krema u sapun għat-trabi u għat-tfal żgħar, *wet wipes* u ħrieqi.

Illustrazzjoni 4. Valur monetarju totali tal-oġġetti 2014-2018 u skont l-Istat Membru



Sors: SFC2014

PO I – Miżuri ta' akkumpanjament

L-Istati Membri kollha li implimentaw il-programmi tal-PO I fl-2018 introduċew ukoll miżuri ta' akkumpanjament. Il-miżuri ta' suċċess kienu jinkludu: (i) attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar "pariri dwar l-immaniġġjar ta' baġit tal-familja", "il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel", u "l-għażla tal-provvisti tal-ikel" (PT); (ii) rivista bl-Estonjan u bir-Russu, imsejħa "Help"[9] imqassma lir-riċevituri tal-għajnuna alimentari (EE); (iii) tqassim ta' kotba żgħar b'riċetti li jinkludu ingredjenti minn pakketti tal-ikel tal-FEAD u ikel mogħti b'mod komuni (FI); (iv) il-proġett "We Are Together" (Aħna Flimkien) mis-Salib l-Aħmar li jipprovdi lit-tfal li ġejjin minn sfondi soċjalment żvantaġġati b'esperjenzi kulturali, jgħin fix-xogħol skolastiku tad-dar, fil-mentoraġġ u f'għajnuna oħra (SI); (v) il-proġett "Tackling economic vulnerability through volunteering opportunities" (Nindirizzaw il-vulnerabbiltà ekonomika permezz ta' opportunitajiet ta' volontarjat) ġestit minn Zadar Archdiocese Caritas (HR) li jmur lil hinn mill-għajnuna materjali u jimmotiva lill-parteċipanti biex jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw il-kawżi tal-faqar; u (vi) it-tqassim ta' fuljett mal-basktijiet tal-iskola li jagħti pariri lit-tfal tal-iskola dwar firxa ta' suġġetti mill-iskola u x-xogħol, sa problemi psikoloġiċi (AT).


Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wettqu kombinazzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament u kienu biss ftit dawk li għażlu li jiffokaw fuq attività waħda biss jew

[9] L-edizzjoni 2018 tar-rivista kienet iddedikata għal ikel tajjeb għas-saħħa b'nutrizzjonista li jirrakkomanda riċetti tajbin għas-saħħa għall-ikel ipprovdut fil-pakkett. Ir-rivista tinkludi wkoll kuntatti ta' 38 organizzazzjoni, li jistgħu jipprovdu aktar appoġġ.

fuq żewġ attivitajiet. Il-miżuri ta' akkumpanjament implimentati fl-2018 (ara l-Illustrazzjoni 5) kienu jinkludu:

- Pariri dwar il-preparazzjoni u l-ħżin tal-ikel (BE, BG, EE, FI, FR, LT, LU, PL, PT, SK)
- Attivitajiet edukattivi biex jiġu promossi workshops ta' nutrizzjoni tajba għas-saħħa / tat-tisjir (BE, BG, CZ, EE, ES, FI, FR, HR, IT, LT, LU, LV, MT, PL, PT, SI)
- Pariri dwar kif għandha titnaqqas il-ħela tal-ikel (BE, BG, LT, PL, PT)
- Pariri dwar l-iġjene personali (BG, HU, LT, LV, SK)
- Riferiment għal servizzi kompetenti (eż. soċjali/amministrattivi) (AT, BE, BG, EE, ES, FI, FR, IE, IT, LT, LU, LV, MT, SK)
- Coaching u workshops individwali (BE, BG, CZ, EE, EL, ES, FR, LT, LU, LV, MT, SI, SK)
- Appoġġ psikoloġiku u terapewtiku (BE, BG, CZ, CY, EE, EL, HU, IT, LT, LV, SI, SK)
- Pariri dwar l-immaniġġjar ta' baġit tal-familja (BE, BG, CZ, EL, FI, IT, LT, LV, MT, PL, PT, SK)
- Attivitajiet soċjali u ta' divertiment (CZ, EL, FI, FR, LT, LU, PL, SI)
- Attivitajiet edukattivi u taħriġ/programmi tal-ħiliet (EE, HR, IT, LT,MT, SI)
- Provvista ta' servizzi legali (BE, EE, FR, IT, LT, SK)
- Oħrajn (BE, EE, FI, IE, IT, LV, MT, SI)

Illustrazzjoni 5: Tipi ta' miżuri ta' akkumpanjament implimentati fl-2018 (n=22)



PO II – Inklużjoni soċjali

Bħal fis-snin preċedenti, il-Ġermanja (DE), id-Danimarka (DK), in-Netherlands (NL) u l-Iżvezja (SE) implimentaw azzjonijiet ta' inklużjoni soċjali.

Fil-Ġermanja (DE), l-attività ewlenija kienet li jintlaħqu l-adulti u l-persuni mingħajr dar li jkunu għadhom kif waslu u li jitjieb l-aċċess tagħhom għal miżuri ta' konsulenza u appoġġ. Il-Ġermanja (DE) diġà qabżet diversi miri f'dan il-qasam. Kważi 90 % ta' dawk l-adulti li jkunu għadhom kif waslu u l-persuni mingħajr dar li pparteċipaw fl-attivitajiet ta' inklużjoni soċjali tal-2018 baqgħu jużaw is-servizzi soċjali (kontra mira ta' 50 %). L-għadd totali ta' persuni mingħajr dar u ta' persuni li jinsabu f'riskju li jispiċċaw mingħajr dar li kienu rċevew parir sal-2018 kien ta' 21,564 - li diġà huwa ogħla mill-mira speċifika tal-

programm. Sar ukoll progress tajjeb biex jintlaħqu t-tfal li jkunu għadhom kif waslu tal-età tal-kindergarten (12,237) u l-ġenituri tagħhom (13,734). Għalhekk, l-għan li sal-2020 jintlaħqu 19,700 tifel u tifla u ġenitur għandu jkun jista' jintlaħaq.

Fid-Danimarka (DK), il-kundizzjonijiet għall-persuni mingħajr dar – u l-persuni mingħajr dar minn pajjiżi oħra tal-UE b'permessi biex jibqgħu fid-Danimarka (DK) – tjiebu bis-saħħa tal-aċċess għall-postijiet ta' kenn u l-ħaddiema soċjali. Permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, dawn il-persuni rċevew akkomodazzjoni temporanja, kienu kapaċi jipparteċipaw f'avvenimenti soċjali u ta' netwerking, u kienu kapaċi jiksbu esperjenza ta' xogħol ma' ditta privata. L-attivitajiet ġew adattati għas-sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tal-migranti mingħajr dar li jiffaċċjaw ostakoli lingwistiċi u sfidi oħra. Total ta' 1,412-il individwu bbenefikaw minn dawn l-attivitajiet bejn l-2014 u l-2018, li diġà qabżu l-mira stabbilita għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (1,400).

Fin-Netherlands (NL), il-proġett "L-anzjani fil-viċinat" kompla fl-2018 b'776 parteċipant. Dan kien inqas mill-2017 iżda ferm ogħla mil-livell tal-2016. Il-proġett ifittex li jtaffi l-esklużjoni soċjali fost l-anzjani żvantaġġati. Il-persuni kollha li ntlaħqu kellhom aktar minn 65 sena. L-għadd totali ta' parteċipanti għall-2014-2018 kien ta' 2,274 – 45 % tal-mira (5,000). Riżultat ewlieni kien li wara sentejn fil-programm, madwar 84 % tal-anzjani li ntlaħqu kienu għadhom involuti, 45 % qalu li estendew in-netwerk soċjali tagħhom u 35 % tejbu l-ħiliet diġitali u finanzjarji tagħhom. Fl-2018 ingħatat ħafna attenzjoni biex jintlaħqu l-anzjani bi sfond ta' migrazzjoni, eż. b'oriġini Torka jew Marokkina, li mhumiex faċli biex jintlaħqu u għalhekk għandhom tendenza li jkunu iżolati. 29 % tal-parteċipanti tal-proġett ma twieldux fin-Netherlands.

Il-miżuri ta' inklużjoni soċjali fl-Iżvezja (SE) jiffokaw fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-informazzjoni bażika dwar is-soċjetà Żvediża mmirata lejn persuni fil-bżonn li ġejjin minn pajjiżi oħra tal-UE jew taż-ŻEE. Il-gruppi fil-mira ewlenin huma persuni mingħajr dar (jew persuni f'riskju li jispiċċaw mingħajr dar), migranti, persuni bi sfond barrani, minoranzi u nisa. S'issa l-programm laħaq 2,016-il persuna, fosthom 414 fl-2018. Il-perċentwal ta' individwi li jiddikjaraw li rċevew appoġġ jew għajnuna żdied b'mod kostanti mill-2016 minn 43 % għal 84 % fl-2018. Il-proporzjon ta' individwi li jiddikjaraw li tejbu l-kundizzjonijiet għall-ġestjoni tas-saħħa u l-iġjene żdied ukoll – minn 38 % fl-2016 għal 82 % fl-2018. Il-mira ta' 40 % għaż-żewġ indikaturi nqabżet b'mod sinifikanti.

Ostakoli għall-implimentazzjoni

L-ostakoli għall-implimentazzjoni ġew irrappurtati minn 19-il Stat Membru. Dawn kienu jinkludu: (i) l-isfidi loġistiċi li fadal, eż. il-kunsinna u l-ħżin (EL, FI, HU, PT); (ii) kwistjonijiet legali, eż. l-akkwist pubbliku jew il-protezzjoni tad-*data* (BE, BG, EE, EL, HU, IT, MT, PT, RO); (iii) nuqqas ta' kapaċità tal-organizzazzjonijiet sħab (DK, HU, PL); (iv) sfidi biex jintlaħqu l-gruppi fil-mira (EE, HU, LV, PL u SE); (v) sfidi għall-monitoraġġ u l-ġbir tad-*data* dwar ir-riċevituri finali (HU, IT, RO); u (vi) problemi bl-oġġetti mqassma, eż. il-kwalità, id-diversità u l-piż tagħhom[10] (FR, HU). Kien hemm ukoll sfidi ġenerali ta' implimentazzjoni fir-Rumanija (RO), b'mod partikolari kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku u l-kapaċità. Minkejja l-monitoraġġ u l-appoġġ regolari mill-Kummissjoni, u l-użu attiv tal-għajnuna teknika disponibbli biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtorità ta' ġestjoni tal-FEAD, il-kwistjonijiet ma setgħux jiġu solvuti matul is-sena ta' rapportar.

[10] Ġew irrappurtati wkoll problemi oħra aktar iżolati, eż.: ikel li ma twassalx (EL), oġġetti meqruda jew li saritilhom ħsara (EL), kalkolu ħażin mill-MA ta' indikatur wieħed li jrid jiġi kkoreġut (CY), ammont ta' ikel mhux biżżejjed ipprovdut lill-grupp fil-mira (HR), piż amministrattiv u riżorsi finanzjarji limitati (EE), livell baxx ta' interess tal-organizzazzjonijiet sħab (SK), miżuri mhux meqjusa xierqa għalissa, li jwasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni (RO), attitudnijiet soċjali lejn il-grupp fil-mira (SE).

Il-flessibbiltà tal-FEAD, u l-kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-organizzazzjonijiet sħab għenu lill-pajjiżi jegħlbu ħafna minn dawn l-ostakoli. Fl-Italja (IT), l-awtorità ta' ġestjoni organizzat laqgħa mal-benefiċjarji tal-għajnuna materjali biex toffri appoġġ addizzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-problemi ta' implimentazzjoni. Fl-2018, Franza (FR) emendat is-sistema ta' ġestjoni tagħha u adottat proċeduri ġodda, b'mod partikolari għall-kontroll intern, il-loġistika u l-għajnuna teknika biex jiġi ffinalizzat ir-rekord tal-awditjar tal-programm.

Il-prinċipji orizzontali

L-Artikolu 5 tar-Regolament FEAD jidentifika l-prinċipji orizzontali li għandhom jiġu applikati b'mod ġenerali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-Fond. Dawn jinkludu l-komplementarjetà tal-finanzjament, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-anti-diskriminazzjoni, l-evitar tal-ħela tal-ikel, dieta bilanċjata, u l-aspetti ambjentali u klimatiċi. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawn il-prinċipji u jirrappurtawhom fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tagħhom.

L-Istati Membri jqisu dawn il-prinċipji ġenerali. Dawn jissodisfaw il-prinċipju tal-komplementarjetà billi jużaw strumenti oħra ta' finanzjament. Fl-Estonja (EE), il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali huwa wkoll il-korp intermedju għall-FSE, li jiżgura viżjoni unifikata u fluss ta' informazzjoni dwar is-servizzi pprovduti miż-żewġ Fondi. Il-Finlandja (FI) irrappurtat sinerġiji bejn il-proġetti ta' inklużjoni soċjali kofinanzjati mill-FSE, li jservu bħala miżuri ta' akkumpanjament għat-tqassim tal-ikel tal-FEAD.

Diversi Stati Membri spjegaw kif japplikaw il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Ir-Repubblika Ċeka (CZ) tilħaq lill-ommijiet waħedhom, li hija tqis bħala grupp partikolarment vulnerabbli. Il-Ġermanja (DE) tiffoka fuq l-għoti ta' pariri lin-nisa dwar kwistjonijiet ta' indukrar tat-tfal u ta' saħħa, u pproduċiet skedi informattivi dwar il-ġeneri biex jintużaw minn organizzazzjonijiet sħab. Żewġ proġetti fl-Iżvezja (SE) jindirizzaw speċifikament is-saħħa tan-nisa, u proġetti oħra ġew adattati biex jimmiraw aħjar lin-nisa. Fl-Iżvezja (SE) u fin-Netherlands (NL), 80 % tar-riċevituri ta' għajnuna għall-inklużjoni soċjali kienu nisa.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri semmew espliċitament azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni. Il-Ġermanja (DE) u l-Latvja (LV) jipprovdu linji gwida u workshops dwar in-nondiskriminazzjoni. Fl-Ungerija (HU), jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tal-persuni li jgħixu b'diżabilità, eż. it-tqassim tal-ikel isir f'postijiet fejn ma jkunx hemm ostakoli u tingħata wkoll għajnuna biex jinġabar il-pakkett tal-ikel. Il-Lussemburgu (LU) jiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Il-Bulgarija (BG) issostni li l-FEAD jikkontribwixxi għal opportunitajiet indaqs billi jipprovdi ikliet speċifiċi skont l-etniċità u r-reliġjon.

Il-biċċa l-kbira tal-programmi nazzjonali tal-FEAD jagħtu prijorità lill-miżuri biex tiġi indirizzata l-ħela tal-ikel. L-Irlanda (IE) tnaqqas il-ħela tal-ikel billi tikkombina l-ikel miġbur mis-supermarkets mal-kunsinni tal-ikel tal-FEAD. F'Malta (MT) u fi Spanja (ES), il-pakketti tal-ikel huma adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni li jirċevuhom biex tiġi evitata l-ħela. Is-Slovenja (SI) tagħti prijorità lill-effiċjenza tas-sistema ta' tqassim tal-ikel biex jiġi żgurat li n-nies jirċievu l-ikel malajr u sew qabel kwalunkwe data ta' skadenza. Fil-Belġju (BE), soppa friska magħmula minn ikel li ma jinbigħx titqassam bħala parti mill-FEAD. Il-Belġju (BE) iħeġġeġ ukoll donazzjonijiet ta' ikel b'eżenzjoni mill-VAT u Karta bejn is-settur tal-għajnuna tal-ikel u l-bejjiegħa bl-imnut fuq skala kbira. Fi Franza (FR), il-liġi tal-2016 "kontra l-ħela" hija applikata b'mod wiesa' mill-organizzazzjonijiet sħab, li wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-ħela tal-ikel. Fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti tagħhom biex jintgħażlu l-forniturі, il-kriterju biex titqies il-marka tal-karbonju fit-trasport tal-oġġetti tal-

ikel ġie miżjud fl-2016. Fil-Kroazja (HR), id-dokumentazzjoni dwar it-tiċħid mill-ikel, il-privazzjoni materjali bażika u s-sejħa għal għajnuna teknika tispeċifika kif għandu jiġi evitat il-ħela tal-ikel, tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodott, u jiġu protetti s-saħħa pubblika u l-ambjent. Fil-Litwanja (LT), kull pakkett ta' ikel li jifdal imur għand il-kantins li jħejju u jipprovdu ikel għall-persuni mingħajr dar.

Ħafna Stati Membri qalu li jqassmu ikel varjat u bbilanċjat mill-aspett nutrizzjonali. Fi Franza (FR), l-ikliet huma adattati għall-età u għall-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-persuni li jirċevuhom. Il-pakketti tal-ikel fil-Portugall (PT) għandhom l-għan li jilħqu mill-inqas 50 % tar-rekwiżiti ta' enerġija u nutrizzjoni ta' persuna u l-porzjonijiet ta' kuljum jinkludu kull wieħed mis-seba' gruppi tal-ikel. Fis-Slovakkja (SK), il-kompożizzjoni tal-pakketti tal-ikel ġiet ivvalutata mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika biex jiġi żgurat il-bilanċ nutrittiv it-tajjeb. Fl-Estonja (EE), l-Istitut Nazzjonali għall-Iżvilupp tas-Saħħa ġie kkonsultat dwar il-pakketti tal-ikel u rrakkomanda li jiġu esklużi l-aktar allerġeni komuni (eż. il-ġewż u l-ikel li fih il-ġewż). Il-Bulgarija (BG) qieset l-istruzzjonijiet tal-Ministeru tas-Saħħa, kif ukoll ir-rispons mir-riċevituri. Il-Latvja (LV) organizzat attivitajiet ta' promozzjoni tas-saħħa, eż. dwar dieta u stil ta' ħajja tajbin għas-saħħa, kwistjonijiet ta' indukrar tat-tfal, prevenzjoni ta' vizzji, ħiliet tal-ewwel għajnuna, rispons ta' emerġenza u prevenzjoni tal-mard.

Ħafna Stati Membri jqisu l-aspetti klimatiċi u ambjentali. L-Awstrija (AT) tirrapporta li ntgħażlu prodotti ta' kwalità għolja u li jdumu għal raġunijiet ambjentali. Fir-Repubblika Ċeka (CZ), huma biss il-prodotti li jirrispettaw l-ambjent u li jinkoraġġixxu r-riċiklaġġ li jiġu ordnati permezz tal-FEAD. L-organizzazzjonijiet sħab jagħżlu prodotti minn basket ta' prodotti skont il-ħtiġijiet tal-klijenti tagħhom. Dan inaqqas ir-riskju li jiġu pprovduti provvisti mhux mixtieqa u jevita l-ħela.

L-evalwazzjonijiet

L-effetti tal-attivitajiet tal-FEAD fi Stati Membri individwali huma ġeneralment pożittivi skont evalwazzjonijiet fil-fond. Pereżempju, ir-rapport tal-Lussemburgu (LU) ikkonkluda li l-appoġġ tal-FEAD jippermetti lill-pajjiż li jagħmel il-baġit tiegħu disponibbli għal ħtiġijiet pubbliċi oħra. Fil-Portugall (PT), studju nazzjonali wera li l-għajnuna alimentari ppermettiet li 72 % tal-persuni koperti mill-PO jimmaniġġjaw aħjar il-baġit tal-familja tagħhom. L-evalwazzjoni ta' Franza (FR) qajmet inċertezzi dwar ir-rabta bejn il-programm FEAD u tnaqqis fil-faqar, minħabba n-natura kumplessa u multidimensjonali tal-faqar. Madankollu, peress li l-għajnuna alimentari hija l-ewwel kuntatt ma' persuni li jkunu qed jiffaċċjaw diffikultà u tiftaħ it-triq għal appoġġ personalizzat, l-impatt pożittiv tagħha għandu jiġi osservat maż-żmien.

Xi Stati Membri użaw kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni u/jew evalwaw kwistjonijiet speċifiċi. Il-Belġju (BE) wettaq stħarriġ tas-suq biex jiġi ttestjat liema prodotti tajbin għas-saħħa jistgħu jinxtraw u jitqassmu b'impatt ambjentali minimu. Il-Greċja (EL) studjat il-kontribuzzjoni tal-programm għall-ġlieda kontra n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, jiġifieri jekk dan kisibx il-konsum nutrizzjonali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi u tejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-riċevituri.

Box 2. Attivitajiet ta' evalwazzjoni fl-Irlanda (IE) u fi Spanja (ES)

Fl-Irlanda (IE), l-awtorità ta' ġestjoni tal-FEAD regolarment twettaq stħarriġ fost il-partijiet interessati. Ir-riżultati ewlenin huma li l-appoġġ għandu impatt pożittiv fuq il-persuni żvantaġġati, filwaqt li jgħinhom jimxu 'l quddiem fil-ħajja u jżidu l-kuntatti soċjali tagħhom, u li jagħmel il-flus disponibbli għal azzjonijiet essenzjali oħra. Il-kwalità għolja tal-kits

għall-iskejjel ġiet imfaħħra, u t-tfal li bbenefikaw minnhom kienu kuntenti ħafna li kellhom oġġetti ta' kwalità simili għal dawk ta' sħabhom. Benefiċċju ewlieni ieħor huwa li l-banek tal-ikel kienu kapaċi jżidu l-provvisti tagħhom u jiżguraw ir-regolarità tagħhom. Barra minn hekk, "FoodCloud Hubs" – l-organizzazzjoni sieħba ewlenija - kienet kapaċi tgħaqqad l-ikel miġbur mis-supermarkets ma' ikel iffinanzjat mill-FEAD. Dan huwa pożittiv għall-ambjent, peress li aktar ma jkun baxx l-ammont ta' skart tal-ikel li jintbagħat fil-landfills għar-rimi, aktar ikunu baxxi l-emissjonijiet tal-karbonju.

Fi Spanja (ES), fl-2018, is-Salib l-Aħmar u l-Federazzjoni tal-Banek tal-Ikel wettqu valutazzjoni komprensiva tal-FEAD[11]. Ir-rapport tagħhom jikkonkludi li l-appoġġ tal-FEAD huwa apprezzat ħafna mill-benefiċjarji - 96 % minnhom jirrakkomandawh lil oħrajn u 76 % jgħidu li l-ikel ipprovdut "joħroġhom minn ħafna diffikultajiet". Madankollu, jikkonferma wkoll li - minkejja li jgħin biex itaffi l-forom estremi ta' faqar u jappoġġa n-nutrizzjoni tal-familja, il-programm mhuwiex biżżejjed biex jippermetti lill-familji u lill-individwi joħorġu mis-sitwazzjoni prekarja tagħhom.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-impenji finanzjarji skont il-programm FEAD żdiedu b'mod sostanzjali u fl-2018 laħqu s-EUR 762.2 miljun. In-nefqa kumulattiva impenjata għall-2014-2018 kienet kważi EUR 2,732 miljun, jew 61 % tar-riżorsi totali tal-programmi (kofinanzjament tal-UE u nazzjonali). Dan juri li l-implimentazzjoni tal-baġit tal-FEAD tinsab fit-triq it-tajba. Payments also increased solidly, with Commission interim payments exceeding 38% of the total 2014-2020 allocation by 31 December 2019 (25% by end-2018).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonsolidaw ir-rekord stabbilit tagħhom ta' provvista u għamlu progress tajjeb biex jilħqu l-objettivi tagħhom. Fl-2018, 26 Stat Membru taw b'suċċess għajnuna tal-FEAD. L-għajnuna alimentari baqgħet ġeneralment stabbli meta mqabbla mas-sena preċedenti. L-għoti ta' għajnuna materjali bażika kompla jiżdied, b'29 % aktar għajnuna mqassma fl-2018 meta mqabbel mal-2017. Ċipru (CY), l-Ungerija (HU) u l-Litwanja (LT) qassmu għajnuna materjali bażika għall-ewwel darba fl-2018. Madankollu, għad hemm xi problemi ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari dewmien, u sfidi bil-loġistika, l-aspetti legali, l-ilħuq ta' gruppi fil-mira, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u n-nuqqas ta' kapaċità tal-organizzazzjonijiet sħab. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri setgħu jegħlbu dawn id-diffikultajiet bis-saħħa tal-fiduċja u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati, għalkemm xi drabi kienu meħtieġa emendi fil-programm. Madankollu, minkejja l-monitoraġġ mill-qrib tal-Kummissjoni, ir-Rumanija (RO) ma tatx għajnuna fl-2018 minħabba bidliet istituzzjonali u problemi persistenti ta' akkwist.

Fl-2018, huwa stmat li kważi 13-il miljun persuna bbenefikaw mill-appoġġ tal-FEAD. L-appoġġ tal-FEAD wera li huwa stabbli matul is-snin. L-għajnuna alimentari tibqa' l-aktar tip frekwenti ta' għajnuna. Mill-għadd totali ta' riċevituri finali, fl-2018, aktar minn 12.5-il miljun (92 %) irċevew għajnuna alimentari, u madwar 998,000 (7 %) irċevew għajnuna materjali bażika, filwaqt li madwar 39,000 ipparteċipaw fi programmi ta' inklużjoni soċjali (PO II FEAD). Bħal fis-snin preċedenti, it-tfal baqgħu l-uniku u l-akbar grupp ta' riċevituri (29 % tar-riċevituri finali kollha). Il-persuni mingħajr dar (7 %) u l-persuni b'diżabilità (5 %) kienu fost il-gruppi speċifiċi fil-mira. Huwa stmat li 10 % ta' dawk kollha li kienu appoġġati kienu migranti, persuni bi sfond barrani jew minoranzi, u 8 % kienu persuni li kellhom 65 sena jew aktar.

11 Is-Salib l-Aħmar Spanjol (2018): valutazzjoni tal-impatt tal-FEAD fi Spanja.

Bħal fis-snin preċedenti, ir-rapporti juru li l-flessibbiltà tal-FEAD kienet ċentrali għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tiegħu. Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet sħab f'termini tal-għarfien tal-gruppi fil-mira u l-komunikazzjoni kien importanti ħafna. Madankollu, l-FEAD għen ukoll lill-organizzazzjonijiet sħab biex isiru aktar effiċjenti, inkluż f'termini ta' ħinijiet ta' kunsinna u kooperazzjoni istituzzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet sħab setgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar kif u meta jilħqu l-gruppi fil-mira, u dan kien kruċjali biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' fiduċja reċiproka mar-riċevituri finali.

Il-miżuri ta' akkumpanjament saru stabbiliti sew u aktar diversi. L-Istati Membri kollha tal-PO I li implimentaw l-FEAD fl-2018 introduċew miżuri ta' akkumpanjament, skont ir-rapporti tagħhom. L-attivitajiet edukattivi biex jiġu promossi workshops ta' nutrizzjoni tajba għas-saħħa / tat-tisjir kienu l-aktar tip komuni ta' miżuri ta' akkumpanjament, segwiti minn coaching u workshops individwali, u appoġġ psikoloġiku u terapewtiku. Ir-riferiment għal servizzi kompetenti baqa' l-ewwel pass kruċjali biex wieħed joħroġ mill-faqar. B'mod ġenerali, ħareġ sett varjat ta' prattiki tajbin.

Ġeneralment, l-Istati Membri jirrappurtaw li kkonformaw mal-prinċipji orizzontali. Kollha kemm huma żguraw li l-għajnuna kienet aċċessibbli bl-istess mod kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u l-biċċa l-kbira tagħhom enfasizzaw li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Xi Stati Membri għamlu sforzi biex jiżguraw li l-kontenut tal-pakketti tal-ikel tal-FEAD ikun jaqbel mat-talbiet tal-organizzazzjonijiet sħab u tar-riċevituri finali sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel. L-Istati Membri għamlu sforzi biex jipprovdu prinċipalment ikel tajjeb għas-saħħa u taw attenzjoni mill-qrib għall-ħażna u t-twassil f'waqtu, u għall-użu ta' materjali riċiklati. Dawn l-aspetti kkontribwew ukoll għall-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent.

Hekk kif l-FEAD jidħol fl-istadji finali tal-implimentazzjoni tiegħu, l-attenzjoni qed iddur fuq l-integrazzjoni b'suċċess tal-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-programm FSE+. Bil-proposta tal-FSE+ tal-2018, il-Kummissjoni stabbiliet il-bażi għal kontinwazzjoni b'suċċess tal-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn. In-negozjati attwali mill-koleġiżlaturi wrew li l-intenzjoni li jinħolqu sinerġiji, jiġi ssimplifikat u inkorporat bis-sħiħ l-appoġġ f'approċċ wiesa' ta' inklużjoni soċjali, hija apprezzata sew. Issa huwa strumentali li n-negozjati jiġu konklużi b'suċċess sabiex id-djalogu dwar l-ipprogrammar tal-FSE+ jkun jista' jgħaddi għall-fażi finali tiegħu u li l-programmi jkunu jistgħu jiġu sottomessi mingħajr dewmien. Il-programm FSE+ se jkun kruċjali biex jappoġġa l-irkupru ekonomiku u soċjali wara l-pandemija tal-coronavirus, u biex irawwem tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[12], u flimkien mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta[13]. Dan se jkun ukoll programm ewlieni għat-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[14].

[12] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/european-green-deal-communication_en.pdf

[13] https://ec.europa.eu/regional_policy/mt/newsroom/news/2020/01/14-01-2020-financing-the-green-transition-the-european-green-deal-investment-plan-and-just-transition-mechanism

[14] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=1226&furtherNews=yes&newsId=9524